MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-11 ta' Marzu, 2011

Numru. 716/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Michael Mallia)**

**vs**

**Mark Scerri**

Il-Qorti ;

Rat li l-imputat Mark Scerri ta’ 26 sena, iben Joseph u Maria Rosaria nee’ Thomas, mwieled Pieta’ fl-1 ta’ April 1977, u residenti fil-fond ‘Redentur’ ‘First Dawn Court’, Triq il-Qaliet Marsaskala u detentur tal-karta tal-identita’ numru 178977(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

Fit-22 ta’ Awwissu 2003, ghal habta tas-2.00 ta’ wara nofsinhar, waqt li kien f’Ta’ Xbiex, bil-hsieb li jaghmel delitt, u cioe’ serq mill-fond ‘Glitters Stationary’ wera dan il-hsieb b’atti esterni u ta bidu ghall-ezekuzzjoni ta’ dan id-

delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' tieghu u li kieku gie esegwit kien ikun ikkwalifikat bil-valur li jiskorri l-elf Lira Maltin u bil-mezz, ghad-detriment ta' Dennis Borg.

Rrenda ruhu recediv ai termini tal-artikoli 49 u 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, meta gie misjub hati b'sentenza moghtija mill-Qrati ta' Malta liema sentenza saret definittiva u li ma tistghax tigi mibdula jew imhassra;

Finalment akkuzat ukoll talli kiser il-provedimenti tal-'probation' Artikolu 5 u 9 tal-Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta' Malta, b'diversi sentenzi moghtija lilu mill-Magistrat Dr. C. Scerri Herrera LL.D nhar it-18 ta' Lulju 2002, mill-Magistrat Dr. L.Quintano LL.D. nhar il-25 ta' April 2003 u mill-Magistrat Dr. N. Cuschieri LL.D. nhar is-27 ta' Novembru 2001.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 4 ta' Marzu 2005 (esebita a fol. 171 tal-process) fejn huwa dehrlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub;

(a) fl-artikoli 41(1)(a), 261(b)(c), 263, 264, 265, 266, 267, 278, 279 u 280 tal-Kodici Kriminali ;
(b) fl-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali ;
(c) fl-artikoli 5, 9 u 10 tal-Kap. 152 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 28 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li waqt l-udjenza tas-17 ta' Lulju 2009, l-imputat ddikjara li huwa m' ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Ikkunsidrat:

Illi dan il-kaz jirrigwarda attentat ta' serq li sar fit-22 t'Awwissu 2003 ghall-habta tas-2.00pm mill-hanut Glitters Stationery li jinsab fi Triq Watar, Ta' Xbiex. Mill-provi

rrizulta li certu Joseph Borg[1], li jigi missier Dennis Borg il-propjetarju tal-hanut Glitters Stationery u li wkoll ghandu hanut fl-istess triq, kien fil-hanut tieghu bil-bieb maghluq meta ra lill-imputat qed jipprova jillieva l-bieb tal-hanut Glitters Stationery b'turnavit. Huwa hareg jigri u staqsa lill-imputat x'kien qed jaghmel u dan irrispondih li kien qed jidritta it-turnavit max-shutter tal-hanut. Jospeh Borg xehed li huwa rnexxielu jiehu it-turnavit minn idejn l-imputat u dak il-hin inzerta ghaddej pulizija li kien joqghod vicin u meta l-imputat ra lill-pulizija huwa telaq jigri u l-pulizija beda' jigri warajh izda l-imputat dahal fil-vettura tieghu bin-numru tar-registrazzjoni MGB 100 u sussegwentement gie arrestat u nterrogat mill-Pulizija.

Il-verzjoni tal-fatti moghtijia minn Joseph Borg giet konfermata minn PC 279 Kevin Borg [2] fejn dan ikkonferma li ra lill-imputat u lil Joseph Borg fl-idejn quddiem il-hanut Glitters Stationery u li meta xi hadd ghajjat gejjin il-Pulizija l-imputat telaq jigri u rikeb fil-vettura bin-numru tar-registrazzjoni MGB 100.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat irrilaxxja stqarrija [3] fejn huwa ammetta li kien waqaf ihares lejn l-armatura tal-hanut meta iddecieda li jipprova jisraq mill-imsemmi hanut u ghalhekk mar igib turnavit mill-bagoll tal-vettura tieghu u waqt li kien qieghed bit-turnavit f'idu hdejn il-bieb tal-hanut gie l-propjetarju tal-hanut tal-ispare parts li kien hemm vicin u huwa ghalhekk prova jitlaq minn fuq il-post u kien hemm tnejn min-nies li bdew jigru warajh. L-imputat ammetta wkoll li, li kieku rnexxielu jidhol fil-hanut kien ser jiehu dak li jigi ghal idejh.

Ikkunsidrat:

Illi f'dawn il-proceduri l-imputat jinsab akkuzat bl-attentat ta' serq kif ukoll li sar recidiv u li kiser il-provvedimenti mposti fuqu permezz ta' diversi sentenzi ai termini tal-Artikoli 5 u 9 tal-Kap. 152 tal-Ligijiet ta' Malta. Fil-fehma

[1] Joseph Borg xehed fdawn il-proceduri waqt l-udjenza tad-29 t'Awwissu 2003.
[2] Li xehed fl-udjenza tal-10 t'Ottubru 2003.
[3] Inserita a fol. 19 u 20 tal-atti processwali.

tal-Qorti dawn l-akkuzi lkoll jirrizultaw pruvati lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni. L-akkuza tal-attentat ta’ serq tirrizulta kemm mix-xhieda ta’ Joseph Borg li identifika lill-imputat bhala l-persuna li ra qed jipprova jisgassa il-bieb tal-hanut kif ukoll mill-istqarrija tal-imputat stess li ammetta li kien ser jipprova jisraq mill-imsemmi hanut u li Joseph Borg waqfu meta huwa kien bit-turnavit f’idu quddiem il-bieb tal-hanut. Huwa ammetta li kien ser jiehu dak kollu li jigi ghal idejh li kieku rnexxielu jidhol fil-hanut. Dennis Borg sid il-hanut meta xehed fl-10 t’Ottubru 2003 kkonferma li huwa kellu merkanzija ta’ valur ta’ aktar minn Lm7,000 fil-hanut. Il-Qorti ghalhekk jidrilha li gie pruvat li s-serq ma sarx minhabba xi haga ndipendenti mill-volonta’ tal-imputat u li s-serq kieku sar kien ser ikun aggravat bil-mezz u bil-valur.

Dwar l-akkuzi tar-recidiva u tal-ksur tal–provvedimenti mposti fuq l-imputat ai termini tal-Artikoli 5 u 9 tal-Kap. 152 tal-Ligijiet ta’ Malta dawn lkoll jirrizultaw pruvati stante li gew esebiti s-sentenzi relattivi u saret id-debita prova tal-identita’.

Ghal finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat li l-imputat ikkopera fl-istadju tal-investigazzjonijiet izda kkunsidrat ukoll li mill-fedina penali tieghu jirrizulta li din mhux l-ewwel darba li huwa kiser dufrejgh mal-gustizzja, fil-fatt huwa qed jinstab hati li huwa recidiv, u li huwa ghalkemm inghata l-opportunita’ li jirriforma ruhu naqas milli japrofitta ruhu minn din l-opportunita’. Fic-cirkostanzi l-Qorti jidrilha li ghandha timponi piena karcerarja effettiva.

Ghal dawn il-motivi u wara Ii rat l-Artikoli tal-ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-nota tieghu tal-4 ta’ Marzu 2005 u senjatament l-Artikoli 41(1)(a), 261(b)(c), 263, 264, 265, 266, 267, 278, 279, 280,31,49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali kif ukoll l-Artikoli 5, 9 u 10 tal-Kap. 152 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-Artikolu 28 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah tlettax (13) il-xahar prigunerija.

B’applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta il-Qorti tikkundanna llil-imputat sabiex sa zmien xahar (1) minn meta jigi hekk mitlub bil-miktub ihallas lir-Regsitratur tal-Qorti s-somma ta’ mitejn u tnejn u ghoxrin ewro u tnejn u ghoxrin ewro centezmi (€222.22) liema ammont jirrapprezenta l-ispejjes konnessi mal-hatra ta’ esperti f’dan il-kaz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------